QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 T' APRIL 2001

Rikors Nru 1474/98DM

Anthony Fabri ghal Untours Insurance Agency Ltd ghal-Qatar Insurance, bhala surrogata fid-drittijiet ta' Margaret R. Pitre

vs

Sister Rosanna Bonnici u b'digriet ta' 22 ta' Gunju 1999 l-isem tal-konvenuta nbidel ghal Sister Maria Martiniana Rapa

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghal-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas lill-istante s-somma ta' Lm133.40c (jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opera ta' periti nominandi) danni li ghamel fronti ghalihom l-istanti minhabba comprehensive policy of insurance favur Margaret R. Pitre in segwitu ghal incident stradali li gara S. Venera fis-16.03.98 bejn car Daewoo nru AAE674 misjuqa minn Margaret R. Pitre u Mazda nru CAR017 misjuqa mill-konvenuta. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet responsabbli ghal incident u spejjes minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi Lm10.50 ta' konsult u ittra, dawk ta' l-ittra ufficjali bid-data prezentata tal-avviz mill-assikuraturi tal-konvenuta ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn-notifika tal-prezentata tal-Avviz kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Sister Rosanna Bonnici fejn eccepiet:-

1 Illi hija m'hijiex il-legittimu kontraditur fil-kawza odjerna stante illi hija ma kienet involuta fl-ebda incident awtomobilistiku fis-16 ta' Marzu 1998 u ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfronti taghha ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

.

2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-degriet taghha ta' 22 ta' Gunju 1999 fejn awtorizzat li l-isem tal-konvenuta jinbidel ghal Sister Maria Martiniana Rapa.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Sister Maria Martiniana Rapa fejn eccepiet:-

1 Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta attrici stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx tort tal-eccipjenti izda unikament tort tal-assikurata tas-socjeta attrici Margaret Pitre' minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Margaret Pitre' hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-verbal tas-6 t' April 2000 fejn id-difensur tal-konvenuta ddikjarat li mhux qed tikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjoni tal-assikurata tal-atturi, Margaret R. Pitre, u d-dokumenti esibiti minnha u mill-atturi. Dawn il-provi li ma gewx kontradetti iwasslu biss ghall-konkluzzjoni li kienet il-konvenuta li habtet ma wara tal-vettura ta Pitre u li kienet ghalhekk il-konvenuta unikament risponsabbli ghall-kollizzjoni 'de quo'.

Inoltre, billi il-'quantum' tad-danni ma giex ikkontestat, it-talba attrici tirrizulta gustfikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici u fil-waqt li tiddikjara li l-konvenuta kienet responsabbli ghal incident 'de quo' u ghall-ispejjes risultanti minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti tikkundanna l-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' Lm133.40c danni li ghamel fronti ghalihom l-attur nomine minhabba comprehensive policy of insurance favur Margaret R. Pitre in segwitu ghal incident stradali li gara S. Venera fis-16.03.98 bejn car Daewoo nru AAE674 misjuqa minn Margaret R. Pitre u Mazda nru CAR017 misjuqa mill-konvenuta.  Bl-imghax legali b'effett mit-22 ta Gunju 1999.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

………………………………………
Magt Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg

civ17